# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2022

**Kawża Nru. 19**

**Rik. Nru. 51/2021 ISB**

**Saviour Caruana u martu Mary Caruana**

**vs**

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Saviour Caruana** (ID numru 61744M) u martu **Mary Caruana** (ID numru 624950M), pprezentat fit-13 ta' Lulju 2021, li permezz tiegħu huma jsostnu hekk:-

*Illi permezz ta' konvenju datat 6 ta' Marzu 2001 il-kumpannija Mangion Productions Limited C 16836 obbligat ruħha li tbiegħ u tittrasferixxi lill-esponenti li aċċettaw u obbligaw ruħhom illi jixtru*

*u jakkwistaw mingħand l-imsemmija kumpannija l-fond fil-groundfloor level ta' blokk bla numru u bla isem fi Triq il-Lampuki ġia Triq gdida fi Triq il-Qaliet, Marsascala (aktar il quddiem imsejjaħ il-Proprjetà) liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha.*

*Illi sa l-10 ta' Marzu 2001 l-esponenti ħallsu l-prezz intier tal-Proprjetà, ammontanti dan il-prezz intier għal Lm9,700 ekwivalenti għal tnejn u għoxrin elf ħames mija u erbgħa u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€22,594.92) u ħadu l-pussess tal-Proprjetà.*

*Illi l-esponenti kellhom l-intenzjoni illi jbiegħu l-Proprjetà waqt li l-konvenju kien għadu viġenti.*

*Illi, sabiex jiġu salvagwardati l-interessi tal-esponenti, permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Mary Grech Pace fl-10 ta' Marzu 2001 (Dok. 'A'), Mangion Productions Limited obbligat ruħha li la tbiegħ u l-anqas taggrava il-Proprjetà b'dejn jew drittijiet a favur terzi u ggarantit dan l-obbligu tagħha versu l-esponenti b'ipoteka speċjali, illi ġġib in-numru 4363/2001 (Dok. 'B') għall-ammont ta' Lm9,700, ekwivalenti għal tnejn u għoxrin elf ħames mija u erbgħa u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€22,594.92) fuq il-Proprjetà.*

*Illi, kif jirriżulta mir-riċerki tal-kumpannija Mangion Productions Limited (Dok. C), il-kuntratt definittiv qatt ma sar għaliex id-diretturi u l-azzjonisti ta' Mangion Properties Limited telqgħu minn Malta u l-esponenti ma jafux x'sar minnhom; b'dan però illi l-Proprjetà baqgħet fil-pussess ta' l-esponenti u għadha hekk fil-pussess tagħhom sallum, dejjem però mtaqqla bl-imsemmija ipoteka speċjali.*

*Illi riċentement l-esponenti saru jafu illi l-intimat ikkanċella u ħassar isem il-kumpannija 'Mangion Productions Limited' mir-reġistru tal-kumpanniji, u dan bis-saħħa ta' l-artikolu 325 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, u dan b'effett mill-25 ta' Ġunju 2020 (Dok. D).*

*Illi l-esponenti, għar-raġunijet fuq esposti, għandhom interess li din il-kumpannija terġa' tiddaħħal fir-reġistru tal-kumpanniji, sabiex b'hekk l-esponenti jkunu f'qagħda li jieħdu dawk il-proċeduri neċessarji sabiex jeserċitaw id-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' l-istess kumpannija.*

*Għaldaqstant l-esponenti, a tenur ta' l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti, previa dawk id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti li jidrulha xierqa u opportuni, jogħġobha:*

*(a) Tordna lill-intimat sabiex jerġa' jdaħħal l-isem tal-kumpannija 'Mangion Productions Limited', bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16836, fir-reġistru tal-kumpanniji, sabiex b'hekk l-istess kumpannija tkompli bl-esistenza tagħha daqs li kieku qatt ma tħassret, u dan f'terminu qasir u perentorju li jiġi minnha prefiss għal dan il-għan;*

*(b) Tordna lill-intimat jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa skont il-liġi u relativament għad-dħul mill-ġdid ta' l-isem tal-kumpannija 'Mangion Productions Limited', bin-numru ta' reġistrazzjoni C 16836, fir-reġistru tal-kumpannniji.*

*Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni ta' l-intimat.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 3 sa fol 22).

Rat **id-digriet** taghha tal-20 ta' Lulju 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2021 fl-10:30am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-25 ta' Awissu 2021 (ara tergo ta` fol 24).

Rat illi fit-13 ta' Settembru 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 27) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Mangion Productions Limited (C 16836) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji ("Reġistru") fil- 5 t' Ottubru 1994;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat prospetti annwali u kontijiet annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk, illi l-aħħar prospett annwali mibgħut lir-Reġistratur kien dak tas-sena 2001, filwaqt li l-aħħar kont annwali mibgħut minnha kien tas-sena 2000;*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu għal diversi snin kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpannija u lill-uffiċjali tagħha Carmel Mangion u Maria Mangion (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi l-ewwel ittra ntbagħtet lill-kumpanija u lill-uffiċċjali tagħha fl-istess indirizz illi ġie reġistrat bħala l-indirizz tal-kumpanija u kif ukoll l-indirizz tal-uffiċjali tal-kumpanija fi 'Flat 8, BLK 3, Pieta' Apartments, Msida Seafront, Pieta' rispettivament  datati 12 ta' Frar 2020.*

*Illi fil-25 ta' Marzu 2020, ir-Reġistratur bagħat it-tieni ittra fuq l-istess indirizzi u konsegwentement ai termini tal-Artikolu 325, ipproċeda bil-pubblikazzjoni ta' avviż fuq website miżmuma minnu u f' gażżetta li toħroġ kuljum. Madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpanija, la d- diretturi tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru. Għalhekk l-esponent mexa sabiex iħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru b'effett mis-26 ta' Ġunju 2020;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illli kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikkorent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartikolu 4  tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u ta' kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqs li kieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru.*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċement għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur jixtieq umilment jissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan ta' llum, il-kreditur jagħżel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi.*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m' għandux oġġezzjoni għal dan u għalhekk lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-posizzjoni illi jeżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bħala kreditur tal-kumpanija msemmija . Filwaqt illi r-Reġistratur ma jispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2021, deher ir-rikorrent assistit mid-difensur tieghu l-Avukat Pierre Lofaro u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f'dik l-udjenza ir-rikorrent irrefera ghall-isem ta' "Mangion Properties Limited" kif kien jinsab fil-hames paragrafu tar-rikors promotur u talab korrezzjoni peress illi dak kellu jinqara "Mangion Productions Limited" - u l-Qorti laqghet dik it-talba.

Semghet ix-xhiedha tar-rikorrenti Saviour Caruana.

Rat id-dikjarazzjoni tar-Registratur intimat fis-sens illi ma kienx qed joggezzjoni ghad-dokumenti esebiti mar-rikors promotur anke jekk l-istess dokumenti ma kienux fl-original taghhom.

Rat illi f'din l-unika udjenza mizmuma, ir-rikorrent pprometta illi jipprezenta *update* tar-ricerki mir-Registru Pubbliku – haga li r-rikorrent naqas milli jaghmel.

Rat n-nota tar-rikorrent li permezz taghha esebixxa appuntu l-update tar-ricerki kif hawn fuq msemmi.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-artiklu **325 tal-KAP 386** tal-Ligijiet ta' Malta u li permezz taghha, ir-rikorrenti jsostnu illi fis-sena 2001 huma kienu dahhlu f'konvenju mas-socjeta` Mangion Productions Limited sabiex jixtru u jakkwistaw il-fond fi ground floor level ta' blokk bla

numru u bla isem fi Triq il-Lampuki, gja Triq gdida fi Triq il-Qaliet, Marsascala.

Illi huma ħallsu l-prezz intier tal-proprjetà, ammontanti dan il-prezz intier għal Lm9,700 ekwivalenti għal tnejn u għoxrin elf ħames mija u erbgħa u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€22,594.92) u ħadu l-pussess tal-Proprjetà, u kellhom l-intenzjoni illi jbiegħu l-proprjetà waqt li l-konvenju kien għadu viġenti.

Illi, sabiex jiġu salvagwardati l-interessi tal-esponenti, sar kuntratt pubbliku bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` hemmek venditrici, Mangion Productions Limited, permezz ta' liema, din ta' l-ahhar obbligat ruħha li la tbiegħ u l-anqas taggrava l-proprjetà b'dejn jew drittijiet a favur terzi u ggarantiet dan l-obbligu tagħha versu l-esponenti b'ipoteka speċjali.

Illi l-kuntratt definittiv qatt ma sar għaliex id-diretturi u l-azzjonisti ta' Mangion Properties Limited telqgħu minn Malta u l-esponenti ma jafux x'sar minnhom, anke jekk l-proprjetà msemmija baqgħet fil-pussess ta' l-esponenti u għadha hekk fil-pussess tagħhom sallum, dejjem però mtaqqla bl-imsemmija ipoteka speċjali.

Illi isem il-kumpannija 'Mangion Productions Limited' thassar mir-reġistru tal-kumpanniji, u r-rikorrenti, għar-raġunijet msemmija, għandhom interess li din il-kumpannija terġa' tiddaħħal fir-reġistru tal-kumpanniji, sabiex b'hekk huma jkunu f'qagħda li jieħdu dawk il-proċeduri neċessarji sabiex jeserċitaw id-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' l-istess kumpannija, wiehed jifhem, biex tigi kkancellata l-ipoteka hawn fuq msemija.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, tant illi l-ahhar prospett annwali sottomess kien dak tas-sena 2001 u l-ahhar kontijiet annwali sottomessi kienu dawk tas-sena 2000.

Illi mir-ricerki, anke *updated* esebiti, jirrizulta illi l-ipoteka li hija kolpita biha l-proprjeta` li tinsab fil-pussess tar-rikorrenti u li ghaliha hallsu l-prezz intier anke jekk it-trasferiment fuq isimhom baqa' ma sarx, ma gietx ikkancellata jew mnehhija.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

M'hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Mangion Productions Limited (C-16836)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Id-dokumenti ppresentati mar-rikors jitkellmu wahedhom u ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irrizultaw. U ghalkemm ir-rikorrent naqas milli jipprezenta l-update tar-ricerki mir-Registru Pubbliku kif minnhu promess fl-ahhar udjenza mizmuma, b'dana kollu il-Qorti thoss illi l-atti processwali huma maturi bizzejjed biex il-Qorti tghaddi ghad-decizjoni taghha.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Mangion Productions Limited (C-16836)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Mangion Productions Limited (C-16836)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghall-perjodu ta' hames snin sabiex f'dan il-perjodu, ir-rikorrenti jilhqu jiehu u jottjenu r-rizultati li jixtiequ sabiex titnehha l-ipoteka specjali 4363/2001 maghmula b'kuntratt tal-10 ta' Marzu 2001 (DOK A).

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Mangion Productions Limited (C-16836)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**